MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2008

Numru. 25/2006

**Drogi 25/2006**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**versus**

**Vincent Xuereb**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Vincent Xuereb ta’ 34 sena iben John u Ester nee’ Grech mwieled Pieta fid-19 ta’ Settembru 1969 u residenti 152 Triq id-Duluri Pieta, ID 411669M.

1. Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-1 ta’ Frar 2004 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi

preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali u r-relazzjoni ta' l-Ispizjar Mario Mifsud.

Ikkonsidrat

3. Skond il-prosekuzzjoni, l-imputat kien innega li huwa rceva joint tal-cannabis fl-1 ta' Frar 2004. Huwa kien talab biex jaghmel urine test u ntbghat l-isptar izda l-istaff mediku rrifjuta li j aghmel tali test. Mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat kien wahdu dak il-hin u ma kien hemm hadd vicin tieghu.

4. WPC 86 innutat lill-imputat ipejjp xi joint mir-riha li xammet. Skond PC 1213 Carlos Axisa l-joint kien ghadu jaqbad. L-imputat kien wahdu bejn zewg karozzi. Dan ix-xhud ra lill-imputat ipejjep. L-area ta' fejn kien l-imputat ma kienx hemm nies fiha.

5. PC 10 Trevor Cassar Mallia xehed li x'hin ghadda l-imputat xamm riha qawwija tta' haxixa. **Taht l-imputat** kien hemm joint imqabbad. Ma kien hemm hadd vicin. Dan ix-xhud ma rax lill-imputat jarmi s-sigarett ghaliex l-imputat dahal bejn zewg karozzi.

6. L-Ispizjar Mario Mifsud kkonferma li fl-esebit kien hemm tracci ta' THC (fol 26).

7. L-imputat xehed li hu ma kellux x'jaqsam mal-joint. Huwa qal ukoll li kien talab li jsirlu urine test.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

8. Mill-provi jirrizulta li

(a) Meta ghadda l-imputat inxtammet riha ta' cannabis; u

(b) Li fil-vicinanzi ma kien hemm hadd; u
(c) Li l-imputat kien qed ipejjep xi haga hekk kif il-pulizija ghaddew qrib tieghu; u
(d) Li l-joint instab qrib l-imputat; u
(e) Li dan kien ghadu jaqbad

Minn dawn il-fatti jidher car li l-imputat kien fi l-pussess tal-cannabis. Il-Qorti ma examinatx fattur wiehed izolat – bhal per ezempju, ir-riha tal-haxixa biss. Izda ezaminat numru ta' fatturi fosthom in-nuqqas ta' nies fil-vicinanzi ghaliex li kieku kien hemm in-nies dan seta' johloq dubju. Izda meta ghandek riha ta' haxixa, raw lill-imputat ipejjep, dahal bejn il-karozzi u s-sigarett kien ghadu jaqbad u qrib ta' l-imputat, il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-imputat kellu r-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza. Il-Qorti lanqas m'hi impresjonata bil-hegga li kellu l-imputat biex isiru t-testijiet stante li l-ammont ta' cannabis kien zghir wisq kif wkoll kien ghadda hin bizzejjed bejn meta twaqqaf l-imputat u l-hin meta kellu jsir it-test. Fuq kollox, il-Qorti rat u semghet lill-imputat jixhed u ma ssibx il-verzjoni tieghu veritjiera.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 ssib lill-imputat hati izda flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien 9 xhur millum. Il-Qorti fehmet lill-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446. Tordna id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur. Ai fini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-imputat ihallas 267.32 Euro (Lm114.76) bhala spejjez ta' l-espert, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar millum. Jekk ma jithallsux, dawn jinbidlu f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------